



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Diċembru 2016
(OR. en)

15120/16
ADD 8

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0382 (COD)

ENER 417
CLIMA 168
CONSOM 298
TRANS 479
AGRI 650
IND 261
ENV 757
IA 130
CODEC 1802

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Diċembru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2016) 419 final - PART 1/2
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2016) 419 final - PART 1/2.

Mehmuż: SWD(2016) 419 final - PART 1/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2016
SWD(2016) 419 final

PART 1/2

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli

{COM(2016) 767 final}

{SWD(2016) 416 final}

{SWD(2016) 417 final}

{SWD(2016) 418 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-Impatt dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?

Id-Direttiva 2009/28/KE (id "**Direttiva tar-RES**") tistabbilixxi qafas Ewropew għall-promozzjoni tal-Enerġija Rinnovabbli (ER), b'miri nazzjonali obligatorji għall-parti tal-ER fil-konsum tal-enerġija finali gross ta' kull Stat Membru fl-2020. F'Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew qabel dwar mira vinkolanti fil-livell tal-UE ta' mill-inqas parti ta' 27% f'ER ikkunsmata fl-UE fl-2030, li tinkiseb mingħajr miri nazzjonali obligatorji. Il-kombinazzjoni tal-effetti fit-tul taż-żmien ta' politiki attwali, il-kompetittività tal-ispejjeż imtejba permezz tal-progress teknoloġiku, l-inizjattivi tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) u s-setturi mhux tal-ETS, id-Disinn tas-Suq tal-Elettriku, il-Governanza u l-Effiċjenza tal-Enerġija, huma projettati biex iwasslu żieda fil-parti mill-enerġija totali moqdija mis-sorsi rinnovabbli. Madankollu, in-nuqqas ta' politiki addizzjonali min-naħa tal-UE, din iż-żieda mhix kosteffettiva u ma twassalx għall-parti mill-enerġija totali maqbula fil-livell tal-UE li tiġi servuta minn sorsi rinnovabbli.

X'għandu jinkiseb?

Fil-kuntest tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija, ir-reviżjoni tad-Direttiva tar-RES għandha erba' għanijiet ewlenin: (i) li tikkontribwixxi għat-trażżin taż-żieda fit-temperatura medja dinjija sa mhux aktar minn 2°C, bil-ħsieb li naslu għal 1.5°C b'konformità mal-impenn tal-UE lejn l-għanijiet COP 21 ta' Pariġi. (ii) li b'mod kosteffiċjenti tikseb l-għan ta' 27 % tal-enerġija totali minn sorsi tal-ER fl-UE, sal-2030; (lii) li tagħmel l-ekonomija tal-UE aktar sikura f'dik li hija enerġija billi tnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjoni; (iv) li tikkontribwixxi biex l-UE ssir mexxejja dinjija fl-ER u ċentru globali għall-iżvilupp ta' teknoloġiji avvanzati u kompetittivi tal-ER.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (is-sussidjarjetà)?

Minħabba l-eżistenza ta' nuqqasijiet u ostakli tas-suq speċifiċi, hemm il-ħtieġa ta' politiki fil-livell tal-UE biex il-mira vinkolanti ta' mill-inqas 27% ta' ER fil-livell tal-UE tiġi **kollettivament** mil-ħuqa mill-Istati Membri, u tintlaħaq bl-aktar mod kosteffiċjenti u bl-anqas mod distortiv possibbli. L-azzjoni tal-UE se twassal iċ-ċertezza għall-investituri f'qafas regolatorju mal-UE kollha, skjerament konsistenti u kosteffiċjenti tal-ER fl-UE kollha u operat effiċjenti tas-suq tal-enerġija intern filwaqt li jirrispetta l-potenzjal tal-Istati Membri li jipproduċu forom differenti ta' ER skont it-taħlita tal-enerġija li jagħżlu.

B. Soluzzjonijiet

X'inhuma l-għażliet biex jintlaħqu l-għanijiet? Hemm xi għażla preferuta? Jekk le, għaliex?

Tqiesu għażliet ta' politika kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi għall-promozzjoni tal-iskjerament tal-ER. Il-Valutazzjoni tal-Impatt (VI) li għamlet analiżi dettaljata ta' kull għażla politika b'approċċ gradwali minn xenarju ta' bażi (Għażla 0) sa miżuri aktar komprensivi fil-livell tal-UE. L-ebda għażla preferuta ma ntgħażlet, ħalli tħalliet bla mittiefsa d-diskrezzjoni politika tal-Kummissjoni li tiddeċiedi minn fost l-għażliet miffuxa fuq dawn il-ħames oqsma li ġejjin:

(i) Għażliet li jżidu l-ER fis-settur tal-elettriku (RES-E)

Qafas komuni Ewropew għall-iskemi ta' appoġġ: 1 l-użu biss ta' mekkaniżmi tas-suq; 2 kjarifikazzjoni tar-regoli permezz ta' sett ta' għodda; 3 mixja obligatorja lejn għajnuna tal-investment.

Approċċ reġjonali aktar koordinat: 1 appoġġ reġjonali obligatorju; 2 ftuħ parzjali obligatorju ta' skemi ta' appoġġ b'parteċipazzjoni krosskonfinali

